ŻEBBUĠ

## MINUTI TAL-LAQGĦA

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, 24 ta' Mejju 2010**

**Hin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Is-Sindku qal sejjaħ din il-lqagħa b' aġenda speċifika biex tittieħed deċiżjoni dwar il-*bumping cars* u l-festival tal-logħob tan-nar f' Marsalforn.

Is-Sindku qal is-Segretarjat ta' Dr Said bi ħsiebu jorganizza festival tal-logħob tan-nar f' Marsalforn għall-aħħar ta' Settembru u bidu ta' Ottubru 2010. Qal is-Segretarjat qed jalloka budget ta' €30,000 pero jixtieq li l-finanzjament jgħaddi permezz tal-Kunsill. Is-Sindku qal l-Onor. Said talbu biex il-Kunsill Lokali joħroġ sejħa pubblika biex il-kmamar tan-nar interessati jieħdu sehem fil-*fireworks festival* jiddikjaraw mal-Kunsill l-interess tagħhom.

Intqal li dawn il-fondi għandhom jgħaddu minn qabel fil-kont tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Refalo qal jiddispjaċih li ma jagħmilx parti mill-Kumitat. Refalo qal sa issa, il-Kunsill ma kienx konsultat u allura issa ma jridx li jkollu x' jaqsam ma' dan il-festival.

Il-Kunsillier Debono qal iddispjaċih li l-Kunsill ma kienx konsultat partikolarment il-mod kif inħatar il-Kumitat.

Il-Kunsillier Camilleri staqsa min għażel il-membri ta' dan il-Kumitat?

Is-Sindku qal hu kien avviċinah is-Segretarju Parlamentari.

Id-Deputat Sindku qal iddispjaċih li l-Kunsill ma kienx konsultat.

Refalo kompla jinsisti li l-Onor. Said għażel lil min ried fuq il-kumitat organizzattiv.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħruġ tas-sejħa għall-kmamar tan-nar.

Favur – is-Sindku, id-Deputat Sindku u l-Kunsillier Debono
Kontra – Ħadd
Astensjonijiet – il-Kunsilliera Camilleri u Refalo.

Il-vot għadda.

Is-Sindku poġġa għad-diskussjoni t-talba biex tintrama l-*bumping cars* fil-*car par*k ta' Marsalforn.

Il-Kunsillier Debono qal il-*bumping cars* ilha tintrama żmien u dejjem nies ġabet Marsalforn.

Is-Sindku qal il-mod kif Said qiegħed jissuġġerixxi li jarma l-*bumping cars*, il-viżwalita' tal-*parking* mhux ser tingħalaq.

Il-Kunsillier Refalo ssuġġerixxa li l-*bumping cars* tintrama fil-*parking area* ta' fuq, aktar il-bogħod mill-bini. Is-Sindku qal deċiżjoni trid tittieħed fuq it-talba li għandu l-Kunsill.

Il-Kunsillier Camilleri qal il-Kunsill għandu jagħti każ kemm il-komunita' kummerċjali kif ukoll ir-residenti.

Il-Kunsillier Debono qal Said għandu jħares il-kundizzjonijiet li jingħatawlu.

Il-Kunsillier Refalo qal xorta ser isibu l-*car park* imblukkat u semma l-fatt li Said ma jħallas xejn biex jarma fil-*car park*. Is-Sindku qal il-*car park* mhux tal-Kunsill. Qal li kieku l-*car park* ikun mgħoddi lill-Kunsill, il-*car park* jista' jkun ta' gwadan.

Refalo ddikjara li hu kontra fejn ser tintrama u nsista li hemmhekk mhux postha.

Id-Deputat Sindku qal għandu jingħata kundizzjoni biex il-mużika ma tkunx tinstema lil hinn mill-latrina tal-*car park.*

Is-Sindku ressaq it-talba ta' Said għall-vot.

Favur – is-Sindku, id-Deputat Sindku u l-Kunsillier Debono
Kontra – il-Kunsillier Refalo
Astensjonijiet – il-Kunsillier Camilleri.

Il-vot għadda.

Id-Deputat Sindku tkellem dwar ix-xogħol fuq Triq il-Qolla l-Bajda.

Is-Sindku qal li matul dik il-ġimgħa, Triq il-Qolla l-Bajda kellha tingħata kisja tarmak.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
**Sindku**

**Diane Tagliaferro**
**Segretarja Eżekuttiva**